# Mużika u Baned

## (Is-seba' parti)

**Kitba u riċerka ta' Lorenzo ZAHRA**

Wara li nedejna din ir-rubrika interessanti fl-annwal tas-Soċjetà Filarmonika Nicolò Isouard fl-2004 (fejn bdejna mill-1805 u koprejna sa l-1883), komplejna bit-tieni parti fl-annwal 2006 (snin 1884-1891), it-tielet parti fl-2007 (snin 1892 u 1893), ir-raba' parti fl-2008 (snin 1894 u 1895), il-ħames parti (snin 1896-1900), is-sitt parti (snin 1901-1903), ser inkomplu s-seba' parti, mill-1904.

Ta' min jirrimarka li ħadd ma għandu jippretendi li ser isib il-ħidma tal-baned kollha li kienu twaqqfu sa dak iż-żmien. Huwa fatt ukoll li xi baned ma tantx kienu jagħtu każ biex jibagħtu tagħrif lill-ġurnali, waqt li oħrajn ma kienux jonqsu jibagħtu u naturalment isibu appoġġ għall-publikazzjoni. Bosta drabi l-baned kienu jibagħtu l-programmi li jkunu ser jesegwixxu u li jkunu ppublikati. Ħaġa li mis-snin tletin bdew jiġu ppubblikati programmi f'xi ktejjeb mill-istess Każini jew istituzzjonijiet festivi. Dawn illum saru kotba ta' interess, imżewqa bir-ritratti u mimlija bil-messaġġi uffiċjali, b'tagħrif dwar il-ħidma u programmi mużikali kif ukoll tagħrif storiku marbut mal-baned, il-festi u l-knejjes tagħna. Dawn jiffurmaw il-ġrajja għal quddiem. Nifhmu li r-referenzi tagħna li ġbarna jkunu ta' għajnuna fit-tiftix għal aktar tagħrif dwar ġrajjet il-baned tagħna - l-awtur Lorenzo Zahra.

Referenzi u abbrevjazzjonijiet:

| | |
|---|---|
| Avv | Avvenire |
| B tal-M | Bandiera tal-Maltin |
| CMM | Cor. Merch. Maltese |
| DMC | Daily Malta Chronicle |
| G di M | Gazzetta di Malta |
| M/H | Malta Herald |
| M | Il Malta |
| M/O | Maltese Observer |
| M/T | Malta Tagħna |
| Malta Std. | Malta Standard |
| Pub. Op. | Public Opinion |
| USG | United Serv. Gazette |

### 1904

Il-Banda Duke of Edinburgh bi programm fi Pjazza San Ġorġ il-Belt, il-Ħadd, 31 Jannar, diretta mis-Surmast Gaetan Grech. (M/T, 30/01).

Fis-16 t'April sar il-funeral ta' Mro. Cav. Rafele Ricci, Surmast tal-Prince of Wales. Kienet preżenti l-Banda Duke of Edinburgh billi kien Maestro Onorario. Il-faldrappa kienet miżmuma mis-Surmastrijiet Hare, G. Grech, Melilli, Carabott u Miruzzi. (M/T, 26/04).

Erba' bandisti tal-Banda Duke of Edinburgh ikorru fil-festa ta' San Ġorġ ta' Ħal-Qormi kawża tan-nar tal-festa. (M/T, 30/04).

Il-Banda Queen's Own f'Katanja, Sqallija. Il-Banda Mater Mariae Grazie żżanżan uniformi ġdida tas-sajf bi programm. Il-ħajjat kien C. Vassallo. (M/T, 02/07).

Il-Banda Queen's Own tingħata standard – xogħol Giacomo Casingena. (M/T, 16/07).

Il-Banda La Vallette f'Bona, u l-Queen's Own fil-Belt fi Pjazza San Ġorġ. (M/T, 23/07).

Kitba dwar il-Banda Queen's Own tal-Isla - trijonf u daqqa ta' ħarta, u sentimenti anti-patrijottiċi. (M/T, 23/07 u 29/10).

Tifħir fil-ġurnali ta' Sqallija għall-Banda Duke of Edinburgh għall-programm sabiħ li għamlet fi Piazza Umberto Primo. (Il-Poplu Malti, 30/07).

Is-Surmast A.P. Hare jieħu l-Banda Duke of Edinburgh f'idejh meta din lejn il-festa ta' San Lawrenz żanżnet uniformi sajfija. (Il-Poplu Malti, 05/08).

Il-Prince of Wales tistieden lill-Banda Duke of Edinburgh għall-festi ta' San Duminku fil-Birgu, u ssir unjoni. (M/T, 24/09).

Fil-festa tal-Vitorja fl-Isla kien hemm il-Banda De Vilhena tal-Furjana. (M/T, 17/09).

Il-Banda tas-2nd Batt. Royal Sussex bi programm fis-Sliema Club diretta mis-Surmast J.W. Cole. (M/T, & USG, 02/09).

Is-Surmast Paolo Vella onorat għall-polka 'Energica' li kkompona fir-raba' konkors ta' Firenze. (M/T, 24/09).

Is-Surmast Hare bl-ewwel programm mal-Banda Pinto ta' Ħal-Qormi. (M/T, 10/09).

Il-Banda tal-Isla Queen's Own tistieden il-Banda Siċiljana ta' Floridia. (M/T, 17/09).

Preżentazzjoni ta' bandalora ġdida tal-Banda Prince of Wales lill-Banda ta' Bormla. Dr. Gian Felic Inglott u l-Ispiżjar Levanzin kienu preżenti. (M/T, 10/10).

Il-Banda tal-Birgu Prince of Wales tagħmel funeral sollenni lil Mro. Ricci fil-knisja tal-Lunzjata fil-Birgu. (M/T, 26/11).

### 1905

Il-Banda Prince of Wales fil-pjazza tal-Birgu taħt

is-Surmast il-ġdid tagħha Luigi Vella. (M/T, 18/02).

Il-Banda Queen's Own b'uniformi ġdida. Il-ħajjat kien F. Darmanin li għamel għal 59 bandist. (M/T, 18/03).

Il-Banda Duke of Edinburgh bi programm f'Ħadd il-Palm u żżanżan 'Pensiero Malinconico' tas-Surmast Grech. (M/T, 22/04).

Il-Banda Duke of Edinburgh fil-festa ta' San Ġorġ f'Ħal-Qormi. (Il-Poplu Malti, 29/04).

Miet il-Bandist Spiru Farrugia tal-Banda Duke of Edinburgh. Kien kompożitur ta' diversi marċi. (M/T, 24/05).

Is-Surmast A.P. Hare isir Surmast tal-Banda Duke of Edinburgh minflok G. Grech li mar mal-Queen's Own minflok Parisi. Fil-festi ta' San Duminku tal-Birgu l-Banda Duke of Edinburgh kienet diretta mis-Surmast Gius Frendo (Mattew Callus, 29/07 u Il-Poplu Malti, 05/08, Malta, 14/09). Saru kummenti dwar il-bidla tas-Surmastrijiet, ara (M/T, 22/07).

Il-Banda Santa Marija tal-Mosta bi programm fil-Pjazza tal-Mosta diretta mis-Surmast G. Micallef, u tispiċċa l-programm bl-Innu *Unione* u l-*God Save*. (M/T, 22/07).

Fil-Festa Nazzjonali fil-Belt ħadu sehem il-Baned La Vallette, San Giorgio u Duke of Edinburgh - Il-Banda Prince of Wales diretta mis-Surmast Vella. (Il-Poplu Malti u M/T, 30/09 - Malta Ottubru).

Il-Banda La Vallette b'diploma mingħand Pietro Platania Phil. Assn. ta' Palermo. (DMC, 14/10).

Fil-festa Nazzjonali li saret fil-Birgu ħadu sehem il-Baned Duke of Edinburgh, San Giorgio ta' Bormla u l-Prince of Wales tal-Birgu. (Il-Poplu Malti, 14/10).

Il-Banda King's Own twaqqaf *Friendly Society* bil-president Galizia u A. Lanzon. (Malta Herald, 27/11).

Sar ftehim bejn il-La Vallette u l-King's Own li jdoqqu l-Ħdud, darba iva u oħra le. Il-Cafè tal-pjazza kien joffri rimunerazzjoni. (DMC, 30/10, Mattew Callus, 29/07).

Il-Banda San Ġorġ ta' Ħal-Qormi tlesti palk ġdid li daqqet fuqu l-ewwel darba l-Banda Duke of Edinburgh. (M/T, 27/05).

Il-**Banda Nicolò Isouard** fil-Pjazza tal-Mosta diretta mis-Surmast Miruzzi. Kien hemm ukoll il-Banda Santa Marija. (M/T, 23/12).

## 1906

Il-Banda La Vallette diretta mis-Surmast Lucia tfakkar l-ewwel anniversarju mit-twaqqif tas-Soċjetà Mutuo Soccorso. (M. H., 04/01 u DMC, 08/01).

Il-Banda Duke of Edinburgh torganizza *Soire d'Oner* lill-Prof. Parnis u lis-Surmast Hare fl-Epifanija. (DMC, 05/01).

Bidu ta' Banda ġewwa Ħal-Lija bl-isem ta' Piju X. (DMC, 09/01).

Il-Banda Queen's Own tifraħ lil Savona li kien Membru Onorarju tagħha. (M/T, 03/02).

Il-Banda Prince of Wales mistiedna fl-*Admiralty House* fil-Birgu mill-Armirall Bromley. Ħadet sehem ukoll is-Soċjetà Mandolinistica tal-istess banda. (DMC, 12/02).

Standard mogħti minn Lady Clerk lill-Banda Queen's Own tal-Isla. (DMC, 26/02).

Il-Banda King's Own bi programm dirett minn A.P. Hare fil-Belt. (DMC, 18/03).

Is-Surmast Pacifico Scicluna jmexxi l-Banda Prince of Wales. (M/T, 19/08).

Is-Surmast Durante Grech magħżul Surmast tal-Banda Duke of Edinburgh fil-festa Nazzjonali. (Il-Poplu Malti, 22/09).

Il-Banda La Vallette fi Pjazza Reġina l-Belt u l-Banda De Rohan iddoqq fiċ-Cirkolu tagħha. (Is-Salib, 27/10).

Il-Banda Pinto b'żewġ programmi fil-festa ta' San Massimo f'Ħal Qormi diretta mis-Surmast Giovanni Gatt li tant ġie mfaħħar. (M/T, 20/10).

## 1907

Il-Banda Piju X ta' Ħal Lija tieħu sehem fil-festa ta' San Ġużepp tar-Rabat. (30/03).

Il-Banda Duke of Edinburgh tal-Birgu tieħu sehem fil-festa tal-Madonna tal-Karità fil-Birgu. (M/T, 11/05).

Il-Banda San Mikiel ta' Ħaż-Żabbar fil-festa ddoqq fit-12 ta' Mejju bi programm dirett mis-Surmast Gius. Micallef. (M/T, 11/05).

Il-Banda Prince of Wales iddoqq fl-Ewwel Tlieta ta' San Duminku fil-Birgu diretta mis-Surmast P. Scicluna. (M/T, 01/06).

Iż-żewġ baned tal-Birgu fil-festa tas-Salib f'Bormla. Kien hemm min faħħar lis-Surmast G. Giumarra tal-Banda Duke of Edinburgh, waqt li ddispjaċihom li s-Surmast P. Scicluna tal-Prince of Wales insewh. (M/T, 14/06).

Fil-Birgu kien fetaħ Circolo Malta bis-Soċjetà Mandolinistika mmexxijja mis-Sur Galea Abela. (Il-Poplu Malti, 06/07).

Il-Banda Duke of Edinburgh tal-Birgu fil-festa ta' San Duminku. (M/T, 14/09).

Il-Banda Duke of Edinburgh diretta minn Giumarra fil-festi f'Bormla fejn esegwiet l-Otello u l-Iris u ġiet imfaħħra. (M/T, 21/12).

## 1908

Tifħir lill-Banda L'Isle Adam tar-Rabat li daqqet il-Belt diretta mis-Surmast Miruzzi. (M/T, 01/ 02).

Maestro Bugeja jżanżan quddiesa bil-moto proprio fil-Kolleġġjata ta' Bormla. (M/T, 08/02).

Il-Banda Duke of Edinburgh fi Pjazza San Ġorġ il-Belt diretta mis-Surmast Giov. Giumarra fit-23 ta' Frar u ddoqq l-Iris u l-Fedora. (M/T, 22/02). Il-Banda La

Vallette tmur Tunes u tmur iddoqq fil-Konservatorju ta' Bona. Il-Banda Pinto ta' Ħal Qormi fil-festa ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi diretta mis-Surmast Giovanni Gatt. (M/T, 25/02 u 02/05).

Il-Banda Queen Victoria fil-Ġimgħa l-Kbira tal-Belt diretta mis-Surmast F. Camilleri. U l-**Banda Nicolò Isouard** iddoqq programm fil-Pjazza tal-Mosta diretta minn A. Miruzzi. (M/T, 18/04).

Kitba ta' tifħir lill-**Banda Nicolò Isouard** tal-Mosta. (In-Naħla, 03/04).

Fil-festi ta' San Ġużepp tal-Birgu u ta' Bormla Mons. Grech il-Vigarju ma riedx mużika orkestrali fil-Vespri. Kien ikkritikat għax fi bnadi oħra tħalla jsir. (M/T, 16/05).

Is-Surmast Paolino Vassallo b'kunċert fil-Manoel. Prosit kiseb ukoll il-vjolinista s-Sur Chevalier u l-pjanista s-Sinjorina Critien. (M/T, 23/05).

Saret fiera fl-Ġnien l-Argotti a benefiċċju u bis-sehem tas-Soċjetà Mandolinistika La Vallette. (M/T, 23/05).

Il-Banda Duke of Edinburgh fil-festa ta' San Filippu Neri fil-Birgu. (M/T, 23/05).

Il-Banda Queen's Own tal-Isla akkumpanjata minn 150 ruħ fosthom is-Sur G. Felic Inglott li kien President. Żaru Floridia fi Sqallija fejn kienu milqugħa mis-Sindku u hemm esegwew programmi. (Pub. Op., 06/06).

Tmaqdir lill-Banda La Vallette wara programm fil-festa tal-Imsida. Fil-festa ta' San Ġużepp tal-Kalkara s-Surmast Lorenzo Gonzi jżanżan Innu lil San Ġużepp. (M/T, 25/07).

Is-Surmast Doncic iħalli l-Banda King's Own. (DMC, 09/09).

Il-Banda San Giorgio diretta mis-Surmast Melilli u l-Banda Duke of Edinburgh diretta mis-Surmast Giumarra fil-festi f'Ħaż-Żabbar. (M/T, 12/09).

## 1910

Tifħir lis-Surmast Gius. Frendo tal-Birgu li ppreżenta s-Soċjetà Mandolinistika fiċ-Circolo San Lorenzo. (Il-Poplu Malti, 22/01).

Il-Banda Queen's Own tal-Isla f'idejn Gaetan Grech waqt li ta' Bormla f'idejn Melilli fi programmi nhar Ħadd il-Palm. (M.H., 18/03).

Il-Banda San Giorgio ta' Bormla u l-King's Own fl-Argotti. (M.H., 04/04).

Il-King's Own fi Pjazza San Ġorġ il-Belt bil-Fedora (it-Tieni Att, u s-Sinfonija 1812) bi tmexxijja ta' Doncic. (M/T, 16/04).

Il-Banda Vilhena f'idejn Hare u l-Unione ta' Ħal-Luqa f'idejn Crescimanno. (M.H., 29/04).

Il-Banda Duke of Edinburgh tal-Birgu tieħu sehem fil-festa tal-Madonna tal-Karità però qabel twassal il-baċiri fil-knisja qabel il-purċissjoni. (M.H., 03/05).

Il-Banda King's Own f'Palermo, Sqallija, u ddoqq ukoll fi Grammichele, provinċja ta' Katanja. Daqqet in-Norma, La Gioconda, Saint Sans u l-Manon. (Avvenire, 23/06, u M/T, 28/06).

Il-King's Own iddoqq max-Xatt ta' tas-Sliema. (Av., 02/07).

Fil-festa tal-Madonna tal-Karmnu fil-Belt il-Baned kienu La Vallette, Vilhena, Queen's Own u San Ġużepp tal-Ħamrun. (Av., 19/07).

Il-King's Own issa għandha palk tal-banda ġdid maħdum minn Karmenu Theuma ta' Strada Vescovo l-Belt. Meta ġie mżanżan ħadu sehem il-Baned Prince of Wales tal-Birgu, ta' Bormla, il-Vilhena u San Gaetano. (M/T, 23/07).

Fil-festa ta' San Duminku l-Birgu kien hemm il-Banda Duke of Edinburgh ta' Bormla, l-Unione ta' Ħal-Luqa, San Gaetano tal-Ħamrun, u l-Annunziata ta' Ħal-Tarxien. (M/T, 17/09).

Il-Banda Prince of Wales fir-Raħal il-Ġdid bi programm għal benefiċċju tal-Casa San Luigi u magħha kellha wkoll is-Soċjetà Mandolinistika. (Av., 28/07).

Fil-festa ta' San Ġużepp f'Ħaż-Żebbuġ (E. Spiteri) kien hemm ukoll il-Banda La Vallette. (Av., 29/07).

Fil-festa ta' San Gejtanu fil-Ħamrun ħadu sehem iż-żewġ baned tal-Ħamrun, iż-żewġ baned tal-Belt, il-Queen's Own, is-St. Philip ta' Ħaż-Żebbuġ u oħrajn. (Avv., 02/08).

Fil-festa tal-Karmnu f'San Ġiljan kien hemm il-Banda Vilhena diretta minn Hare. (Avv., 02/08).

Il-Banda ta' Bormla għamlet programm fi Pjazza San Ġorġ il-Belt. (Avv., 03/08).

Is-Surmast Gius. Frendo jżanżan kompożizzjoni ta' Innu Marcia lil San Lawrenz 'Il Gran Levita Impavido' aktar magħruf bħala l-Marċ ta' Frendo. Fil-festa kien hemm il-Banda ta' Bormla, il-Beland taż-Żejtun, il-Prince of Wales u oħrajn. (Il-Poplu Malti, 06/08).

Fil-festa ta' Stella Maris il-King's Own tirċievi standard meta l-Banda ta' San Ġużepp tal-Ħamrun tmur ġurnata Għawdex f'Marsalforn. (Avv., 28/08).

Il-La Vallette fil-festa tal-Vitorja fl-Isla. (Avv., 06/09).

Ir-Rabtin jagħmlu festa Nazzjonali bil-Banda Konti Ruġġieru fis-Saqqajja fit-8 ta' Settembru. (Avv., 15/09).

Fil-festa Nazzjonali fil-Belt ħadu sehem iż-żewġ Baned - il-Prince of Wales u ta' Bormla. (Avv., 27/09).

Il-Banda De Rohan fis-16 t'Ottubru diretta minn G.E. Calì f'Ħaż-Żabbar. (Avv., 03/10).

Fl-Argotti kien hemm fiera bi tliet Baned - il-Prince of Wales, ta' Bormla u l-King's Own. (Avv., 19/10).

Tidher l-ewwel karozza fil-Gżira ta' 8-10hp tas-Sur Tanti fl-Uffiċċju Bellotti fi Piazza Miratore fil-Furjana. (Avv., 21/06).

L-ewwel ċinematografi fostna: fil-Belt l-Olyimpia, f'Tas-Sliema d-Duke of Edinburgh, fl-Isla t-Teatru Nazionale. (Avv., 23/10).

Il-Banda La Vallette tiċċelebra s-36 sena tagħha. (Avv., 24/10 u 29/10).

Il-Banda De Rohan fil-Pjazza ta' Ħaż-Żebbuġ fit-23 t'Ottubru. U d-Duke of Connaught f'Birkirkara diretta minn A.P. Hare. (Avv., 21/10).

Fiera fl-Argotti a benefiċċju tas-Soċjetà Mutuo Soccorso tal-King's Own li ħadet sehem mal-banda. (Avv., 22/10).

Il-Banda De Vilhena tal-Furjana fi Pjazza San Ġorġ diretta minn A.P. Hare. (Avv., 28/10).

Fil-festa ta' Santa Katerina ddoqq biss il-Banda tal-Palma taż-Żurrieq. Dan sar bi ftehim bis-saħħa tal-Pulizija li biex tevita inċidenti sar ftehim bejn iż-żewġ baned li f'tal-Karmnu ddoqq La Stella biss. (M/H, 21/11).

F'Ħaż-Żebbuġ il-Banda St. Philip bi programm dirett minn Melilli u l-Banda La Vallette fil-Fiera tal-Fjuri. (Avv., 04/11).

Il-Konti Ruġġieru fis-Saqqajja taħt id-direzzjoni ta A.E. Agius. (Avv., 17/11).

Is-Soċjetà Mandolinistika Cospicuana Nazionale fi Pjazza Gavino Gulia f'Bormla fl-4 ta' Diċembru, diretta mis-Surmast S. Barbara. (Avv., 28 /11).

Il-Banda La Vallette fiċ-Circolo Britt. Flores iddoqq fl-intervalli tad-dramm fil-11 ta' Diċembru. (Avv., 19/12).

## 1911

Il-Banda Prince of Wales tal-Birgu fiċ-ċerimonja tal-konsagrazzjoni tal-Isqof Dumnikan Portelli. (Il-Poplu Malti, 03/05).

Il-Prince of Wales iddoqq fil-Kalkara diretta minn Mro. Pacifico Scicluna. (M/T, 08/07).

## 1912

Tidher il-Banda Piju X ta' Ħal-Lija f'idejn is-Surmast Micallef. (M/H, 02/03).

Żewġ programmi tal-Banda Prince of Wales fil-Kalkara mmexxija minn P. Scicluna. (M/H, 13/07).

Kitba fil-ġurnal dwar il-mużiċista Malti ta' fama Francesco Schrieha (1809-1883). (G di M, 25/07).

Is-Surmast David Gatt jikkomponi l-Innu Marcia 'Sailor Prince' tal-Banda Duke of Edinburgh li jiġi esegwit b'direzzjoni tas-Surmast Gius. Frendo. (M/H, 26/07).

Il-Banda Duke of Edinburgh fil-festa ta' San Lawrenz f'Jum il-Mota diretta minn G. Giumarra. (G di M, 30/07).

Il-Banda Prince of Wales iddoqq fil-festa ta' San Duminku fil-Belt. (M/T, 03/08).

Fil-festa ta' San Lawrenz kienu ħadu sehem dawn il-Baned: La Vallette, ta' Bormla, Santa Katarina, il-Queen Victoria, Pinto, Unione ta' Ħal Luqa, San Gaetano, Annunziata ta' Ħal Tarxien, De Paola, u ta' Ħal-Qormi. (G di M, 07/08 u M/H, 08/08).

Il-Banda La Vallette tmur Lixandra l-Eġittu fil-Festa tal-Madonna tal-Karmnu fil-knisja ta' Santa Katerina. (G di M, 12/08).

Inġieb orgni ġdid għall-Kolleġġjata tal-Għarb, Għawdex. (G di M, 17/09).

Fiera tas-Soċjetà Operaia ġewwa l-Isla u fiha ħadet sehem il-Banda Prince of Wales diretta minn Pacifiku Scicluna. (G di M, 11/12).

## 1913

Kunċert fil-festi li saru fil-Kulleġġ De La Salle bis-Soċjetà Mandolinistika 'Malta' tal-Birgu. (M/H, 28/01).

Il-Banda Duke of Edinburgh bi programm fi Pjazza San Ġorġ il-Belt meta żżanżnet uniformi ġdida kif ukoll strumentatura ġdida. (M/H, 02/04).

Il-Banda l'Isle Adam iżżanżan uniformi tas-sajf. (M/T, 21/06).

Il-Baned La Vallette u Duke of Edinburgh fil-fiera f'Raħal Ġdid għal benefiċċju tal-bini ta' knisja ġdida. (M/T, 28/06).

Il-King's Own tippjana festi Nazzjonali fit-28 ta' Settembru. (M/T, 28/06).

Il-Banda Duke of Edinburgh iżżomm fiera fil-Palazz, 13, Strada Irlandese fil-Birgu bi ġbir għall-irħam tal-knisja ta' San Lawrenz. (M/T, 28/06).

Il-Banda King's Own tmur f'Acireale, Sqallija. (M/T, 09/08).

Il-Banda La Vallette tmur Katanja, Sqallija. (M/T, 14/08).

Is-Surmast Gaetano Grech iħalli l-Banda Queen's Own tal-Isla għar-raġuni ta' ċerti ċirkustanzi. (Is-Salib, 16/08).

## 1914

Il-Banda Prince of Wales fil-Belt diretta mis-Surmast Monterosso u tingħata bibita fil-Każin La Vallette. (M/H, 13/04).

Il-Prince of Wales fil-festa ta' Ħal-Tarxien. (M/H, 16/04).

Il-Banda Leone ta' Għawdex fi Pjazza Teżorerija diretta mis-Surmast Crescimanno. Wara ngħatat bikjerata mill-Prof. Debono u Refalo, u Dr. Serafin Vella offra rigal. Il-Prof. Lucia stieden il-Banda għal buffet fil-Każin La Vallette. (Avv., 27/06).

Il-Banda La Stella ta' Għawdex diretta mis-Surmast A.P. Hare fi Pjazza Teżorerija fit-12 ta' Lulju. ( Avv., 11/07).

Il-Banda Prince of Wales bi programm fit-Torre San Giovanni diretta mis-Surmast Monterosso meta organizzat fiera. (Avv, 25/07).

## 1915

Is-Surmast Paolino Vassallo jikkomponi Innu u Antifona lil San Ġwann għall-Kon-Katidral ta' San Ġwann. (Avv., 26/06).

Ġurnal jgħarraf li s-Surmast Francesco Azzoppardi kkompona Antifona bl-isem ta' 'Levita' lil San Lawrenz ġa fis-seklu XVIII. (Is-Salib, 21/08).

Fit-Teatru Rjal il-Banda Duke of Edinburgh tippreżenta 'Tosca' taħt id-direzzjoni tas-Surmast Giov. Giumarra. (M/H).

### 1916

Saru festi biex jiġi ċċelebrat it-tieni anniversarju tat-tmiem il-Gwerra li għaddiet. Ħadu sehem 27 Banda. (M/H, 03/08).

### 1917

Jingħata standard ġdid u rikk lill-Banda L'Isle Adam. (M/T, 31/03).

Tifħir lil Jean Gatt mill-Birgu li kien Surmast tal-Banda ta' Tunes. (M/T, 19/05).

### 1919

Il-Banda Duke of Edinburgh fil-festa ta' San Duminku diretta mis-Surmast G. Giumarra. (M/H, 19/08).

Il-Banda Duke of Edinburgh fil-festa ta' Ħal-Luqa. (M/T, 29/11).

Il-Banda Duke of Edinburgh twassal il-vara ta' Sant' Elena f'Birkirkara meta din kienet ġiet indurata fil-Birgu. (M/T, 19/08).

### 1920

Ħal-Qormi issa għandu każin ġdid għall-Banda Pinto. Il-La Vallette tieħu sehem ukoll fil-festin fil-Każin. (M/T, 16/01).

Saret festa f'Birkirkara Unione Eleniana mill-Kjeriku Salvatore Borg Olivier. (M/T, 31/01).

Il-Banda De Rohan bi programm taħt id-direzzjoni tas-Surmas Busuttil. (M/T, 13/03).

Twaqqif tal-Banda San Gabrijel f'Ħal Balzan. (L-Orizzont, 17/04/95).

Il-Banda La Vallette fit-Teatru Rjal diretta mill-Cav. Mro. Mattioli. (M/T, 03/04).

Fil-festa tal-Karmnu f'San Ġiljan il-Banda Stella Maris tkun diretta mis-Surmast Ferdinando Camilleri. (Malta, 23/07).

Il-Bandfa La Stella t'Għawdex fil-festa ta' Santa Margerita fis-Sannat. (Malta, 23/07).

Il-Queen's Own tal-Isla fil-festa ta' San Ġużepp f'Ħaż-Żebbuġ direttta minn G. Vitaliti. (Malta, 23/07).

Il-Banda De Paola tingħata standard mill-poplu u ppreżentat minn Dun Nerik Bonnici, il-Kappillan, u tesegwixxi programm dirett minn Mro. Ignazio Catania. (Malta, 09/07).

Il-Banda San Mikiel ta' Ħaż-Żabbar bi programm ħdejn il-knisja fit-3 u 4 t'Awwissu diretta minn A. Micallef. (M/H, 02/08).

Il-Banda Duke of Edinburgh fil-festa ta' San Leonardu b'żewġ programmi fejn iddoqq Innu lill-Qaddis. (M/H, 04/11).

Is-Surmast Lorenzo Galea b'kompożizzjonijiet fil-festi tal-Milied fil-parroċċa ta' San Lawrenz. (M/H, 23/12).

Kitba dwar kompożituri Maltin dehret bejn is-27 ta' Diċembru, 1920 u t-8 ta' Jannar, 1921.

### 1921

Orgni ġdid fil-parroċċa tas-Santissima Trinità fil-Marsa. (M/H, 23 u 24/01).

Il-Banda De Rohan tagħmel programm fl-okkażjoni tas-60 anniversarju mit-twaqqif tagħha u dakinhar tinawgura l-Kappella Sagra Familja fil-Każin. (M/T, 09/04).

Il-Banda King's Own u l-Banda Duke of Edinburgh ħadu sehem fil-festa tal-Vitorja tan-Naxxar u għal xi raġuni ma marrux l-Isla fejn kienu mistiedna. Fl-Isla marret iżda l-Banda tal-Birgu Prince of Wales. (Il-Bastun, 04/09).

Il-Banda Prince of Wales tal-Birgu tmur Għawdex għall-festa tan-Nadur. (M/H, 27/06).

### 1922

Il-Queen's Own diretta mis-Surmast Vitaliti fix-Xatt tal-Isla. (M/H, 16/07).

Għall-festa tas-Sacro Cuor ħadu sehem dawn il-baned: Santa Ċeċilja ta' Tas-Sliema, Sant' Elena, San Ġużepp tal-Ħamrun. (M/T, 01/07).

Għall-festi ta' San Pawl fir-Rabat kien hemm il-Banda Konti Ruġġieru u l-Banda ta' Ħaż-Żebbuġ De Rohan. (M/T, 01/07).

Il-Banda La Stella t'Għawdex diretta minn Mro. Gaetano Grech iddoqq fil-festi ta' Santa Margerita fis-Sannat. (M/H, 18/07).

Il-Banda Stella Maris fil-festa f'San Ġiljan diretta mis-Surmast P. Camilleri. (M/H, 26/07).

Il-Banda Konti Ruġġieru fil-festa ta' San Lawrenz fil-Birgu. Kien hemm ukoll l-Unione ta' Ħal Luqa, il-M. Mater Graziae ta' Ħaż-Żabbar u La Stella t'Għawdex. (M/H, 08/08).

Kittieb fil-ġurnal 'Il-Ħmar' kiteb kontra l-President tal-Banda Duke of Edinburgh il-Prof. Levanzin għax dan meta l-Banda kienet f'Palermo faħħar lit-Taljani. (Malta tal-Maltin, 14 u 21/09).

Il-Banda Duke of Edinburgh fil-festa ta' Santa Katerina taż-Żejtun diretta mis-Surmast Giumarra. (M/T, 25/11).

### 1923

Baned jesegwixxu programmi mużikali: l-R.A, Sant' Elena diretta minn V. Costa, il-King's Own taħt Doncic, u De Rohan. (DMC, 05/01).

Il-Banda Beland taż-Żejtun fil-pjazza mmexxija minn A. Miruzzi. (DMC, 18/01).

Il-Banda Unione ta' Ħal-Luqa diretta mis-Surmast Mallia fil-fesa ta' Ħal-Safi. (DMC, 23/01).

Il-Prof. Paolino Vassallo jwaqqaf istitut mużikali fil-Belt, f'Nru. 41, Strada Zecca. (DMC, 07/03).

Il-Banda De Rohan diretta Mro. Busuttil fil-festa ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi. (M/T, 21/04).

Il-Banda Konti Ruġġieru diretta minn Vitaliti fil-fiera ta' benefiċenza. (M/T, 19/05).

Il-Banda La Vallette fl-ewwel dehra tas-Surmast Botti fl-Argotti u ssir festa lill-Qalb ta' Ġesù fil-knisja ta' Santa Barbara u jitqassam il-ħobż lill-fqar. (M/T, 20/06).

Fil-festa tal-Madonna ta' Lourdes tieħu sehem il-Banda Beland diretta minn A. Miruzzi. (M/T, 07/07).

L-Orkestra tat-Teatru Rjal b'123 mużikant fit-22 t'Awwissu, 1921, iddoqq l-ewwel Innu Nazzjonali patrijottiku kompożt minn Luigi Vella. (M/T, 21/07).

Il-Banda King's Own tmur Katanja, imma din id-darba marret b'mużikanti nieqsa għar-raġuni li l-Militar ma ħalliex bandisti tiegħu jsiefru. (M/T, 28/07).

Fil-festa ta' San Lawrenz ħadu sehem il-Banda Duke of Edinburgh, il-Konti Ruġġieru, il-La Vallette u l-Unione ta' Ħal-Luqa. (M/H, 07/08).

Is-Surmast Gardenio Botti jikkomponi l-Innu lil-La Vallette. (M/T, 08/09).

Tifħir lis-Surmast Vella għall-kitba tiegħu tal-Innu Nazzjonali li ndaqq mill-Banda Stella Maris ta' Tas-Sliema fl-okkażjoni tal-festa Nazzjonali. (M/T, 20/09).

Il-Baned King's Own u La Vallette ser ifakkru l-anniversarju tal-50 sena mit-twaqqif tagħhom - 1874-1924. (M/T, 08/12 u 15/12).

## 1924

Iċ-Circolo San Giuseppe ta' Ħaż-Żebbuġ ifakkar l-64 anniversarju tal-Banda Nazzjonali De Rohan, fejn il-Banda żanżnet uniformi sewda. Kienu preżenti wkoll il-Gvernatur Lord Plumer u l-Prim Ministru Buhagiar, li għamlu diskorsi u sar festin wara l-programm. (M/T, 02/02).

Il-Banda Duke of Edinburgh tiffesteġġja l-50 anniversarju tal-Banda La Vallette fil-Belt. (Malta tal-Maltin, 18/04 u l-M/H, 18/10).

Il-Banda tal-Mellieħa La Vittoria diretta mis-Surmast Montebello. (M/T, 10/05).

Mons. Mikiel Gonzi, Isqof magħżul għal Għawdex, milqugħ u ffesteġġjat mill-Banda Duke of Edinburgh tal-Birgu bħala iben dik il-belt. (M/T, 05/07).

Il-**Banda Nicolò Isouard** bi programm fil-Mosta diretta mis-Surmast Giovanni Vella. (M/T, 02/08).

Il-Banda Konti Ruġġieru fil-5 t'Ottubru bi programm tal-festi Nazzjonali. (The Times, 03/08/1994).

Il-ġurnal 'Malta Tagħna' tas-27 ta' Settembru jikteb dwar anzjanità tal-baned Maltin.

Il-Banda Melita tal-Imsida titmexxa mis-Surmast Bellizzi. (M/T, 04/10).

Kitba dwar pika bejn il-Baned tal-belt biex isir konkors bejniethom kienet fl-aqwa tagħha. (Malta tal-Maltin, 04/10).

Il-Baned La Vallette u De Rohan bi programmi funebri. (M/T, 11/04).

Il-Banda Duke of Edinburgh iġġib is-Surmast tal-Orkestra ta' Berlin Carl M. Artz f'Diċembru. (M/H, 23/04).

Kitba li fl-1873 kien Filippo Galea li ħa ħsieb il-Banda La Sengle tal-Isla. (Patria, 23/04).

Id-direzzjoni tal-Banda San Giorgio ta' Bormla issa ġiet f'idejn Mro. Polenta.

## 1925

Is-Surmast Giov. Giumarra jħalli l-Banda tal-Birgu u jmur ma' La Stella t'Għawdex. Is-Surmast Carl M. Artz imexxi l-Banda Duke of Edinburgh. (Malta, 27/02).

## 1927

Il-Banda De Rohan f'idejn Mro. Ciappara. (M/T, 08/01).

Fil-Ġimgħa l-Kbira l-Banda De Rohan iddoqq marċi funebri. (M/T, 16/04).

Il-Banda La Vallette bi strumenti ġodda mill-Awstrija u b'uniformi tax-xitwa ġdida fil-Pjazza, il-Belt. Is-Surmast Carl M. Artz iħalli l-Banda tal-Birgu u jmur lura pajjiżu. (M/H, 11/02).

## 1928

Tissemma' l-Banda De Rohan diretta mis-Surmast Ciappara f'Ħaż-Żebbuġ. (M/O, 27/01).

Il-Banda San Giorgio ta' Bormla diretta minn Mro. Polenta waqt programm. (M/H, 20/04).

## 1930

Fil-Festa ta' San Duminku tal-Belt il-Banda tal-Birgu Duke of Edinburgh reġgħet f'idejn Giov. Giumarra. (Il-Poplu, 31/07).

## 1932

Il-Banda Prince of Wales f'kumitat għal organizzazjoni ta' karnival fit-tlett ibliet. Il-President kien il-Gross, u kien hemm ukoll il-Queen's Own u d-Duke of Edinburgh. Iżda imbagħad il-Banda Duke of Edinburgh xorta waħda marret fil-karnival tal-Belt. (Malta, 11/01 u 09/02).

Fil-festa ta' San Pawl il-Banda La Vallette f'idejn Botti u l-Konti Ruġġieru f'idejn Ciappara. (Malta, 12/02).

Baned bil-marċi funebri fil-Ġimgħa l-Kbira: il-La Vallette fil-Belt u San Giorgio f'Bormla. (Malta, 22 u 24/03).

Il-Banda La Stella ta' Għawdex fil-Ġimgħa l-Kbira f'idejn Mro. Gia. Vella. (Malta, 29/03).

Fil-Furjana fil-festa ta' San Publiju jmexxi l-mużika Mro. Anton Pace. (Il-Berqa, 20/04).

Il-Banda Duke of Edinburgh fil-funeral tal-bandist Giovanni Gabriele li kien attiv tassew. (Malta, 19/05).

Fiż-Żurrieq jindaqq Innu Nazzjonali li kiteb Karm Mifsud Bonnici (Il-Gross) bil-mużika ta' Mro. Pugliesevich. (Malta, 09/05).

Is-Surmast Lorenzo Galea magħżul Maestro di Cappella tal-Bażilika tal-Isla. (Il-Berqa, 09/07).

## 1933

Bdiet tissemma' l-*Performing Right Society*, dwar id-drittijiet tal-awturi u l-kompożituri.

## 1935

Is-Surmast Pacifico Scicluna jieħu f'idejh il-Banda Duke of Edinburgh wara s-Surmast G. Giumarra. (Il-Berqa, 12/05).

## 1937

Sa mis-7 t'Awwissu, Mro. Nani għamel kunċerti klassiċi ta' pjanu, vjolini, orkestra, korijiet, akkordjin, dwetti, saksafon u ħadu parti bosta kantanti u mużikanti. (Malta Chronicle, 09/08).

F'Mejju fi 'Il-Malta' deher artikolu dwar il-mużiċisti Vassallo, Nicolò Isouard, Pulverenti u oħrajn.

## 1938

Il-Banda Beland fil-Festa tal-Madonna tad-Duttrina fiż-Żejtun taħt it-tmexxija tal-Assistent Surmast Hector Dalli. (Il-Berqa, 24/06).

Waqt programm mużikali ġew esgwiti l-Innu tal-Papa, is-Sinfonija Egmont ta' Beethoven, il-Fantasija Manon Lescaut ta' Puccini, l-Att Nru. 3 Oblio ta' Brogi, il-Melodija Ricordo del Passato ta' G.M. Dalli, ir-Rapsodija Slavonic ta' Friedmann, u l-Innu Malti.

## 1940

A. Muscat mir-Rabat jaqbel mal-kitba tas-*Sunday Times* tat-28 ta' Frar li għandha ssir memorja għall-bandisti li tilfu ħajjithom waqt li kienu jservu fin-*Navy* u fil-Militar fil-Gwerra.

## 1943

F'Marzu miet is-Surmast Gaetano Grech li serva bħala surmast tal-Banda Duke of Edinburgh u baned oħra. Kellu 85 sena. (Il-Berqa, 17/03).

Fl-10 t'Awwissu, bis-saħħa ta' Mro. Pacifico Scicluna u s-Segretarju Beneditto Dalmas tlaqqet il-Banda Duke of Edinburgh biex ħadet sehem fil-festa ta' San Lawrenz fil-Birgu. Dakinhar ħadet sehem ukoll il-Banda San Mikiel ta' Ħaż-Żabbar, u kienet l-ewwel manifestazzjoni festiva ta' wara t-Tieni Gwerra Dinjija.

## 1944

Il-Banda Sant'Elena bi programm muzikali. (Il-Berqa, 09/05).

Fil-festa tal-Birgu ta' San Lawrenz ħadu sehem dawn il-Baned: Duke of Edinburgh, San Ġorġ ta' Bormla, l-Unione ta' Ħal-Luqa, il-Beland taż-Żejtun, San Mikiel ta' Ħaż-Żabbar. Issa kienu reġgħu bdew sewwa l-festi wara li matul it-tieni gwerra dinjia (1940-1943) kienu sospiżi.

## 1946

Fil-25 ta' Jannar sar kunċert strumentali u vokali fir-Radio City mill-Banda Duke of Connaught ta' Birkirkara. (Il-Berqa, 24/01).

## 1947

Twaqqfet l-Għaqda tal-Baned: il-*Malta Band Clubs Association*. Carm Ellul Galea jikteb dwar il-baned Maltin. (Leħen is-Sewwa, 12/12).

## 1948

Il-Banda tar-*Royal Air Force* ddoqq waqt il-festa ta' San Lawrenz fil-Birgu.

## 1951

Oliver Vella - vjolinista ċelebri Malti u l-prim vjolinist tal-Orkestra ta' Liverpool jagħti kunċerti li xxandar mill-*British Broadcasting Corporation*.

## 1962

Il-Banda San Ġorġ ta' Bormla tiċċelebra l-għeluq tal-mitt sena u tistieden il-Banda Duke of Edinburgh tal-Birgu.

## 1965

Fil-festa ta' San Lawrenz ħadu sehem il-Baned King's Own, San Ġorġ ta' Bormla u l-Beland taż-Żejtun.

## 1971

Is-Surmast Carmel Ciantar mill-Birgu jieħu l-Banda ta' San Ġorġ ta' Borma f'idejh.

## 1972

Il-Banda Prince of Wales tal-Birgu tippreżenta trofew ta' unur lill-Banda San Ġorġ ta' Bormla.

## 1973

Jidhru żewġ artikli fil-ġurnal 'L-Orizzont' dwar il-Banda Pinto ta' Ħal-Qormi, 16 ta' Lulju, u dwar il-Banda Queen Victoria taż-Żurrieq fis-17 Lulju minn J.M. Mangion.

## 1974

Fil-festa ta' San Lawrenz fil-Birgu jidħlu ż-żewġ Baned tal-Belt: il-La Vallette u l-King's Own.

**1975**

Artiklu nteressanti f'L-Orizzont tas-27 t'Awwissu dwar is-70 anniversarju tal-baned Żabbarin.

**1978**

Il-Banda la Stella u l-Kor, tar-Rabat t'Għawdex, tmur l-Iżvizzera f'Awwissu. Isseħħ żjara f'Malta tal-Banda tal-*Bersaglieri* tal-Italja.

**1980**

Fil-ġurnal 'Villa Lija' ta' Awwissu jidher artiklu nteressanti dwar il-Banda Sant'Andrija li għandha l-anniversarju ta' mitt sena.

**1982**

Ħames studenti mużikali Maltin jieħdu d-diploma ta' L.R.S.M. Dawn huma: Josette Magri, Stefania Lauri, Stephen Attard, Maria Frendo, u Carmen Micallef. (Times).

Sammy Calleja jikteb dwar il-Wirt Kulturali tal-Baned fin-Nazzjon Tagħna, 3 ta' Settembru. Filwaqt li f'*The Sunday Times* tat-12 ta' Diċembru tidher kitba dwar il-Banda Żabbar.

**1983**

Fis-*Sunday Times* f'Mejju tidher kitba dwar il-Baned ta' Ħaż-Żabbar u ta' Raħal Ġdid.

**1985**

Artiklu ta' C. Agius dwar l-ewwel baned Maltin. (In-Nazzjon Tagħna, 02/08).

**1988**

F'Jannar sar il-Konkors tal-Baned Maltin f'Tal-Qroqq. Ħadu sehem il-Baned San Mikiel ta' Ħaż-Żabbar, De Paule ta' Raħal Ġdid, Santa Marija tal-Qrendi u Santa Marija tal-Mosta.

Artiklu ta' G. Ellul dwar l-Għaqda Mużikali ta' Marija Annunziata ta' Ħal Tarxien minn V. Battistino. (Il-Mument, 21/08).

**1993**

Kitba ta' Denis Darmanin dwar bandisti fir-*Royal Navy* Ingliża. (Sunday Times, 14 u 28/02).

F'Novembru tidher kitba dwar il-Konkors tal-Baned, b'kummenti ta' A. Grima. (In-Nazzjon Tagħna).

Ippubblikat artiklu dwar il-Baned Militari fostna ta' Lorenzo Zahra. (Il-Mument, 06/06).

**1994**

Jidher artiklu dwar il-Banda Sant'Elena ta' Birkirkara. (In-Nazzjon Tagħna, 21/01).

**1995**

Tidher kitba dwar t-twaqqif tal-Każin tal-Banda San Gabrijel f'Ħal-Balzan. (L-Orizzont, 17/04).

**1996**

Kitba dwar iż-żjara tal-Banda Sant'Elena f'Cefalu, Sqallija. (Il-Mument, 28/06).

**1998**

Il-Banda Sant'Andrija taħt Mro. Paul Schembri fi żjara ġo Sqallija u Amalfi. (In-Nazzjon Tagħna, Jannar).

Kitba ta' C. Xerri dwar l-oriġini tal-Banda Konti Ruġġieru tar-Rabat. (In-Nazzjon, 04/11).



**Tixtieq titgħallem il-mużika jew xi strument partikolari B'XEJN?**

Is-Soċjetà Filarmonika Nicolò Isouard għandha l-Għalliema ideali għalik u tista' tingħaqad man-numru sabiħ ta' allievi li għandha s-Soċjetà.

Min hu interessat jista' javviċina lil xi Membru tal-Kumitat jew iċempel fuq 21 431 898 jew jikteb fl-indirizz jew fil-websajt tas-Soċjetà

**www.nicoloisouard.com**